A.L. 349 ta' l-2004

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni ta' l-2004 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Stat tal-Kuwajt)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2004 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq *Income*) (Stat tal-Kuwajt).

Arranġamenti jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:-

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni saru ma' l-Istat tal-Kuwajt sabiex jagħtu ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin imposti bil-liġijiet ta' l-Istat tal-Kuwajt:

(i) it-taxxa fuq l-*income* korporattiva;

(ii) il-perċentwali tal-profitti netti ta' kumpanniji li għandhom *shareholding*, li jitħallsu lill-Fondazzjoni tal-Kuwajt għall-Avvanzament tax-Xjenza (KFAS);

(iii) iż-Żakat; u

(iv) it-taxxa assoġġettata skond is-sostenn ta' liġi dwar l-impjegati nazzjonali;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fid-19 ta' Marzu, 2004.

SKEDA

FTEHIM
BEJN IL-GVERN TA' MALTA
U L-GVERN TA' L-ISTAT TAL-KUWAJT
DWAR ĦELSIEN MINN TAXXA DOPPJA
U L-PREVENZJONI TA' EVAŻJONI FISKALI
DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME*

IL-Gvern ta' Malta u l-Gvern ta' l-Istat tal-Kuwajt, billi jixtiequ jġibu 'l quddiem ir-relazzjonijiet ekonomiċi reċiproċi ta' bejniethom billi jneħħu kull xkiel fiskali u jagħmlu ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja u l-prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income*, ftehmu kif ġej:

Artiklu 1

GĦAN PERSONALI

Dan il-Ftehim għandu japplika għal persuni li huma residenti fi Stat Kontraenti wieħed jew fit-tnejn li huma.

Artiklu 2

TAXXI KOPERTI

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għal taxxi fuq l-*income* imposti f'isem Stat Kontraenti, sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu, irrispettivament mill-mod kif dawn jinġabru.

2. Għandhom jitqiesu bħala taxxi fuq l-*income* it-taxxi kollha imposti fuq l-*income* totali, jew fuq elementi ta' *income*, inklużi taxxi fuq il-qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli jew immobbli, kif ukoll taxxi fuq l-apprezzament kapitali.

3. It-taxxi li għalihom japplika dan il-Ftehim huma:

(a) fil-Kuwajt:

(i) it-taxxa fuq l-*income* korporattiva;

(ii) il-perċentwali tal-profitti netti ta' kumpanniji li għandhom *shareholding*, li jitħallsu lill-Fondazzjoni tal-Kuwajt għall-Avvanzament tax-Xjenza (KFAS);

(iii) iż-Żakat; u

(iv) it-taxxa assoġġettata skond is-sostenn ta' liġi dwar l-impjegati nazzjonali;

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "it-taxxa tal-Kuwajt");

(b) f'Malta:

it-taxxa fuq l-*income*;

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' Malta").

4. Il-Ftehim għandu japplika wkoll għal kull taxxa identika jew sostanzjalment simili li jiġu imposti wara d-data meta jiġi ffirmat dan il-Ftehim b'żieda ma', jew minflok, it-taxxi hawn qabel imsemmija. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jgħarrfu lil xulxin b'kull tibdil sostanzjali li jkun sar fil-liġijiet rispettivi tagħhom dwar it-taxxa.

Artiklu 3

TIFSIRIET ĠENERALI

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

(a) il-frażi "Kuwajt" tfisser l-Istat tal-Kuwajt u tinkludi kull area lil hinn mill-ibħra territorjali li skond id-dritt internazzjonali din ġiet jew tista' tiġi msemmija taħt il-liġijiet tal-Kuwajt bħala area fejn il-Kuwajt jista' jeżerċita drittijiet sovrani jew ġurisdizzjoni;

(b) il-frażi "Malta", meta użata f'sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra ta' l-arċipelagu Malti inklużi l-ibħra territorjali tagħhom, u kull area 'l barra mill-ibħra territorjali ta' Malta li, skond id-dritt internazzjonali, tkun ġiet jew tista' minn issa 'l quddiem tiġi msemmija, taħt il-liġi ta' Malta li tirrigwarda l-blata kontinentali, bħala area li ġewwa fiha d-drittijiet ta' Malta għar-rigward ta' qiegħ il-baħar u s-sottoswol u r-riżorsi naturali tagħhom jistgħu jiġu eżerċitati;

(ċ) il-frażijiet "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru il-Kuwajt jew Malta, skond ir-rabta tal-kliem;

(d) il-frażi "persuna" tinkludi individwu, kumpannija u kull korp ta' persuni;

(e) il-frażi "ċittadin" tfisser:

(i) kull individwu li jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Kontraenti;

(ii) kull persuna legali, soċjetà u assoċjazzjoni li tikseb l-istatus tagħha bħala tali mil-liġi li tkun issehħ fi Stat Kontraenti;

(f) il-frażi "kumpannija" tfisser korp magħqud jew enti li jkunu trattati bħala korp magħqud għall-iskopijiet ta' taxxa;

(ġ) il-frażi "impriża ta' Stat Kontraenti" u "impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża ġestita minn residenti ta' Stat Kontraenti u impriża ġestita minn residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ħ) il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser trasport li jsir b'bastiment, inġenji ta' l-ajru jew vettura tat-triq imħaddma minn impriża ta' Stat Kontraenti, ħlief meta l-bastiment, l-inġenji ta' l-ajru jew vettura tat-triq jiġu unikament imħaddma bejn postijiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor;

(i) il-frażi "taxxa" tfisser it-taxxa tal-Kuwajt jew it-taxxa ta' Malta, skond ma tkun teħtieġ ir-rabta tal-kliem;

(j) il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser:

(i) fil-Kuwajt: il-Ministru tal-Finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(ii) f'Malta: il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Għar-rigward ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim minn Stat Kontraenti frażi li ma tkunx imfissra fih għandha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, ikollha t-tifsir kif mogħti lilha taħt il-liġi ta' dak l-Istat għall-finijiet tat-taxxi li l-Ftehim japplika għalihom.

Artiklu 4

RESIDENTI

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser:

(a) fil-każ tal-Kuwajt, individwu li jkollu d-domiċilju tiegħu fil-Kuwajt u li jkun ċittadin tal-Kuwajt u kumpannija li tkun inkorporata fil-Kuwajt;

(b) fil-każ ta' Malta, persuna li tkun residenti f'Malta għall-finijiet tat-taxxa ta' Malta.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, residenti ta' Stat Kontraenti għandu jinkludi:

(a) il-Gvern ta' Stat Kontraenti jew ta' xi sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tagħha; u

(b) istituzzjoni tal-gvern kostitwita taħt id-dritt pubbliku ta' Stat Kontraenti bħalma huma korporazzjoni, Bank Ċentrali, fond, awtorità, fondazzjoni, aġenzija jew entità simili oħra; u

(ċ) entità inter-governattiva stabbilita fi Stat Kontraenti li dak l-Istat Kontraenti jkun jissottoskrivi fil-kapital tiegħu flimkien ma' Stati oħra.

3. Meta minħabba d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 individwu jkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, allura l-istatus tiegħu għandu jiġi stabbilit kif ġej:

(a) huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat li fih ikollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu;

(b) jekk huwa jkollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu fiż-żewġ Stati Kontraenti, huwa għandu jitqies li huwa residenti ta' l-Istat Kontraenti li miegħu r-relazzjonijiet personali u ekonomiċi tiegħu ikunu l-aktar marbuta (ċentru ta' interessi vitali);

(ċ) jekk l-Istat Kontraenti li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interessi vitali ma jistax jiġi determinat, jew jekk huwa ma jkollux għad-dispożizzjoni tiegħu dar permanenti f'ebda Stat Kontraenti, huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat Kontraenti li fih soltu jirrisjedi;

(d) jekk huwa soltu jirrisjedi fiż-żewġ Stati Kontraenti jew f'ebda wieħed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu jkun ċittadin;

(e) jekk l-istatus tiegħu ma jkunx jista' jiġi stabbilit taħt id-disposizzjonijiet tas-subparagrafi (a) sa (d), l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim bejnithom.

4. Meta minħabba d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 persuna li ma tkunx individwu tkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, din għandha għaldaqstant titqies bħala residenti ta' l-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-post effettiv tal-maniġġ tagħha, jew, jekk dan ma jkunx jista' jiġi stabbilit, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom isolvu l-kwistjoni bi ftehim reċiproku u jistabbilixxu l-mod kif ikun japplika dan il-Ftehim għal dik il-persuna.

Artiklu 5

STABBILIMENT PERMANENTI

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "stabbiliment permanenti" tfisser post tan-negozju fiss li minnu jitmexxa għalkollox jew f'parti minnu x-xogħol ta' impriża.

2. Il-frażi "stabbiliment permanenti" tinkludi b'mod speċjali:

(a) post ta' maniġġ,

(b) fergħa,

(ċ) uffiċċju,

(d) fabbrika,

(e) ħanut tax-xogħol, u

(f) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kull post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali inkluż sit ta' *offshore drilling*.

3. Art li tkun qegħda tinbena jew kostruzzjoni, proġett ta' assemblaġġ jew ta' stallazzjoni jew attivitajiet superviżorji li jkollhom x'jaqsmu ma' dan, jikkostitwixxu stabbiliment permanenti biss meta dik l-art, dak il-proġett jew dik l-attività tkompli għal perjodu ta' aktar minn tliet xhur.

4. L-għoti ta' servizzi, inklużi servizzi ta' konsulenza minn impriża ta' Stat Kontraenti permezz ta' impjegati jew persunal ieħor imqabbad fl-Istat Kontraenti l-ieħor jikkostitwixxu stabbiliment permanenti sakemm dik l-attività tkompli għall-istess proġett jew għal proġett konness għal perjodu jew perjodi li flimkien iġibu aktar minn tliet xhur f'xi perjodu ta' tnax-il xahar.

5. Impriża ta' Stat Kontraenti għandha titqies bħala li għandha stabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk ikun hemm tagħmir sostanzjali f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor li jkun qed jintuża jew jiġi stallat minn, għal jew taħt kuntratt ma' l-impriża.

6. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artiklu, il-frażi "stabbiliment permanenti" għandha titqies li ma tinkludix:

(a) l-użu ta' faċilitajiet għall-iskop uniku ta' ħażna, wiri jew kunsinna ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu proprjetà ta' l-impriża;

(b) il-manutenzjoni ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop uniku ta' ħażna, wiri jew kunsinna;

(ċ) il-manutenzjoni ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop uniku ta' proċessar minn impriża oħra;

(d) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku ta' xiri ta' oġġetti jew merkanzija jew ta' ġbir ta' tagħrif għall-impriża;

(e) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku li tiġi ġestita, għall-impriża, xi attività oħra ta' xorta preparatorja jew awżiljarja;

(f) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku ta' xi kombinazzjoni ta' attivitajiet imsemmija fis-subparagrafi (a) sa (e), kemm-il darba l-attività kollha tal-post tan-negozju fiss li tirriżulta minn din il-kombinazzjoni tkun waħda ta' xorta preparatorja jew awżiljari.

7. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, meta persuna - li ma tkunx aġent bi status indipendenti li għaliha japplika l-paragrafu 8 - tkun qed taġixxi fi Stat Kontraenti f'isem impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, dik l-impriża għandha titqies li jkollha stabbiliment permanenti fl-Istat l-ewwel imsemmi għar-rigward ta' kull attività li dik il-persuna tagħmel għal dik l-impriża, jekk

(a) ikollha u soltu teżerċita fl-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi awtorità ġenerali li tinnegozja u tagħmel kuntratti għal u f'isem dik l-impriża; jew

(b) iżżomm fl-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi ħażna ta' oġġetti jew ta' merkanzija li minnha huwa regolarment ibiegħ oġġetti jew merkanzija għal jew f'isem dik l-impriża; jew

(ċ) tkun soltu tirċievi ordnijiet fl-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi, esklużivament jew kważi esklużivament għall-impriża nnifisha jew għal dik l-impriża u impriżi oħra li huma kkontrollati minnha jew li għandhom interess ta' kontroll fiha; jew

(d) filwaqt li jkun qiegħed jaġixxi b'dak il-mod, jimmanifattura f'dak l-Istat Kontraenti għall-impriża oġġetti jew merkanzija li jkunu jappartjenu lill-impriża.

8. Impriża ta' Stat Kontraenti ma għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor biss minħabba li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor permezz ta' sensal, aġent b'kummissjoni ġenerali jew kull aġent ieħor bi status indipendenti, sakemm dawk il-persuni jkunu qed jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom. Madankollu, meta l-attivitajiet ta' aġent bħal dak ikunu għalkollox, jew kważi, ddedikati f'isem dik l-impriża u t-transazzjonijiet li jsiru bejn dak l-aġent u l-impriża ma jsirux taħt kondizzjonijiet ta' *arm's length*, huwa m'għandux jitqies bħala aġent bi status indipendenti fis-sens mogħti b'dan il-paragrafu.

9. Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tkun tikkontrolla jew tkun kontrollata minn kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor (sew permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi lil xi kumpannija waħda jew l-oħra stabbiliment permanenti tal-kumpannija l-oħra.

Artiklu 6

INCOME MINN PROPRJETÀ IMMOBBLI

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti minn proprjetà immobbli (inkluż *income* mill-agrikoltura) li jkunu jinsabu fl-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "proprjetà immobbli" għandu jkollha t-tifsira li għandha taħt il-liġi ta' l-Istat Kontraenti li fih tkun tinsab il-proprjetà involuta. Il-frażi għandha f'kull każ tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobbli, bhejjem f'razzett u tagħmir li jintuża fl-agrikoltura, drittijiet li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi ġenerali dwar il-proprjetà ta' l-art, l-użufrutt tal-proprjetà immobbli u drittijiet dwar ħlasijiet varjabbli jew fissi bħala korrispettiv għal ħidma fi, jew id-dritt li jinħadmu, jew għall-esplorazzjoni ta', depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali; bastimenti u inġenji ta' l-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobbli.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ikunu japplikaw ukoll għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, kiri, jew użu ta' kull xorta ta' proprjetà immobbli.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għall-*income* minn proprjetà immobbli ta' impriża u għal *income* minn proprjetà immobbli użata għall-għemil ta' servizzi personali indipendenti.

Artiklu 7

PROFITTI MINN NEGOZJU

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti għandhom ikunu biss taxxabbli f'dak l-Istat Kontraenti kemm-il darba l-impriża ma tmexxix negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk. Jekk l-impriża tkun qegħda tmexxi negozju kif hawn aktar qabel imsemmi, il-profitti ta' l-impriża jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat Kontraenti l-ieħor iżda biss għal dik il-parti minnhom daqskemm tkun attribwibbli għal dak l-istabbiliment permanenti.

2. Bla ħsara għald-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3, meta impriża ta' Stat Kontraenti tkun tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk, għandhom f'kull Stat Kontraenti jiġu attribwiti

lil dak l-istabbiliment permanenti il-profitti li kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-istess kundizzjonijiet jew oħrajn bħalhom u li taħdem indipendentement għalkollox mill-impriża li tagħha tkun stabbiliment permanenti jew ma' impriżi assoċjati oħra li tittratta magħhom.

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis dawk l-ispejjeż ta' l-impriża li jsiru għall-għanijiet ta' l-istabbiliment permanenti, inklużi l-ispejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jkunu saru u li jkunu jistgħu jitnaqqsu li kieku l-istabbiliment permanenti kien entità indipendenti li tkun ħallset dawk l-ispejjeż, sew jekk dawk ikunu saru fl-Istat Kontraenti fejn ikun hemm l-istabbiliment permanenti sew band'oħra. Madankollu, safejn jirrigwarda l-Kuwajt, ma għandu jkun permess ebda tnaqqis bħal dak dwar ammonti, jekk ikun hemm, mħallsa (xort'oħra milli bħala rimborż għall-ispejjeż attwali) mill-istabbiliment permanenti lill-uffiċċju prinċipali ta' l-impriża jew xi wieħed mill-uffiċċji l-oħra tagħha, bħala *royalties*, drittijiet jew ħlasijiet oħrq bħal dawk għall-użu ta' privattivi jew ta' drittijiet oħra, jew bħala kummissjoni, għal servizzi speċifiċi magħmula jew għal maniġġar, jew, ħlief fil-każ ta' impriża bankarja, bħala mgħax fuq flejjes mislufa lill-istabbiliment permanenti. Bl-istess mod, ma għandu jittieħed ebda kont, sabiex jiġi stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, dwar ammonti mħallsa (xort'oħra milli għar-rimborż ta' spejjeż attwali), mill-istabbiliment permanenti lill-uffiċċju prinċipali ta' l-impriża jew lil xi wieħed mill-uffiċċji l-oħra tagħha, bħala *royalties*, drittijiet jew ħlasijiet oħra simili għall-użu ta' privattivi jew jeddijiet oħra, jew bħala kummissjoni għal servizzi speċifiċi magħmula jew għal maniġġar, jew, ħlief fil-każ ta' impriża bankarja, bħala mgħax fuq flejjes mislufa lill-uffiċċju prinċipali jew lil xi uffiċċju ieħor tagħha.

4. Ebda profitti ma għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba biss f'li jsir ix-xiri minn dak l-istabbiliment permanenti ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

5. Sakemm tkun il-konswetudni fi Stat Kontraenti li jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba fi tqassim tal-profitti totali ta' l-impriża lill-partijiet diversi tagħha, ebda ħaġa fil-paragrafu 2 ma għandha tipprekludi lil dak l-Istat Kontraenti milli jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu intaxxati b'dak it-tqassim skond ma jista' jkun konswetudinarju; il-metodu ta' tqassim li jiġi adottat għandu, madankollu, jsir hekk li r-riżultat għandu jkun skond il-prinċipji li jinsabu f'dan l-Artiklu.

6. Meta l-profitti jkunu jinkludu oġġetti ta' *income* li qegħdin jiġu trattati separatament f'Artikli oħra ta' dan il-Ftehim, għaldaqshekk id-disposizzjonijiet ta' dawk l-Artikli ma jintlaqtux bid-disposizzjonijiet ta' dan l- Artiklu.

7. Ebda ħaġa f'dan l-Artiklu ma għandha tolqot l-applikazzjoni ta' xi liġi ta' Stat Kontraenti li tkun tirrigwarda kemm għandha tħallas persuna, inkluż li jiġi stabbilit x'ikun dak il-ħlas bl-eserċizzju ta' diskrezzjoni jew l-għemil ta' estimi mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat f'każijiet li fihom, mill-informazzjoni li tkun disponibbli

għall-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat, ma jkunx possibbli jew prattiku li jiġu aċċertati l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-stabbiliment permanenti, iżda għandha tiġi applikata dik il-liġi, sakemm l-informazzjoni disponibbli għall-awtorità kompetenti tkun tippermetti, b'mod konsistenti mal-prinċipji ta' dan l-Artikolu.

8. Għall-għanijiet tal-paragrafi preċedenti, il-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess metodu sena wara l-oħra kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u suffiċjenti biex dan ma jsirx.

9. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jolqtu d-disposizzjonijiet tal-liġi ta' Stat Kontraenti dwar it-tassazzjoni ta' profitti mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni.

Artiklu 8

TRAFFIKU INTERNAZZJONALI

1. Il-profitti li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti mit-tħaddim ta' bastimenti, inġenji ta' l-ajru jew vetturi ta' l-art fi traffiku internazzjonali għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat Kontraenti.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ukoll japplikaw għal profitti li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti mill-parteċipazzjoni tiegħu f'*pool*, negozju bi sħab jew aġenzija b'operat internazzjonali.

Artiklu 9

IMPRIŻI ASSOĊJATI

1. Meta:

(a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa sew direttament sew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

(b) l-istess persuni jipparteċipaw sew direttament sew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ isiru jew jiġu imposti kondizzjonijiet bejn iż-żewġ impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħhom li ma jkunux jaqblu ma' dawk li kieku kienu jiġu magħmula bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ il-profitti li, kieku ma kienux dawk il-kondizzjonijiet, kienu jinqalgħu minn waħda mill-impriżi, iżda, minħabba dawk il-kondizzjonijiet, ma ġewx hekk maqlugħa, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u intaxxati skond hekk.

2. Meta Stat Kontraenti ikun jinkludi fil-profitti ta' impriża ta' dak l-Istat - u skond hekk jintaxxa - profitti li fuqhom impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor ġiet intaxxata f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor u l-profitti hekk inklużi jkunu profitti li kienu jinqalgħu mill-impriża ta' l-ewwel Stat Kontraenti li kieku l-kondizzjonijiet magħmula bejn iż-żewġ impriżi kienu dawk li kienu jsiru bejn żewġ impriżi indipendenti, għaldaqshekk dak l-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jagħmel it-tibdil li jmiss fl-ammont tat-taxxa imposta hemmhekk fuq dawk il-profitti. Biex jiġi stabbilit it-tibdil, għandhom jitqiesu kif dovut id-disposizzjonijiet l-oħra tal-Ftehim u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom, jekk iħossu jikkonsultaw lil xulxin.

Artiklu 10

DIVIDENDI

1. Dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor.

2. Meta:

(a) d-dividendi jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti tal-Kuwajt lil residenti ta' Malta li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi, ma għandha titħallas ebda taxxa tal-Kuwajt fuq dawk id-dividendi;

(b) d-dividendi jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta lil residenti tal-Kuwajt li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi, it-taxxa ta' Malta fuq l-ammont gross tad-dividendi m'għandha f'ebda każ tkun iżjed minn dik li titħallas fuq il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi; iżda, madankollu, dik it-taxxa fuq l-ammont gross ta' dividendi li jitħallsu lill-gvern tal-Kuwajt jew lil xi waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu jew lil xi entità intergovernattiva msemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 4 ma għandhiex teċċedi għaxra fil-mija (10%), u fil-każijiet l-oħra kollha dik it-taxxa ma għandhiex teċċedi ħmistax fil-mija (15%) ta' l-ammont gross tad-dividendi.

3. Il-frażi "dividendi" kif din tintuża f'dan l-Artiklu tfisser:

income minn ishma, ishma *"jouissance"* jew drittijiet *"jouissance"* , ishma konnessi mal-minjieri jew mal-fundaturi jew ma' drittijiet oħra, li ma jkunux pretensjonijiet ta' debitu, bil-parteċipazzjoni fi profitti, kif ukoll *income* minn drittijiet korporattivi oħra assimilati ma' *income* minn ishma bil-liġi ta' tassazzjoni ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu l-kumpannija li tkun qed tagħmel it-tqassim tkun residenti.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tħallas id-dividendi, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, jew li jkun jagħmel

f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u l-*holding* li dwarhom id-dividendi jkunu mhallsa jkollu x'jaqsam effettivament ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

5. Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief daqskemm dawk id-dividendi jitħallsu lil residenti ta' dak l-Istat Kontraenti l-ieħor jew daqskemm il-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkun effettivament konness ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita sitwati f'dak Istat Kontraenti l-ieħor, lanqas jassoġġetta l-profitti mhux imqassma tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux imqassma tal-kumpannija, ukoll jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux imqassma jkunu kollha kemm huma jew f'parti minnhom jikkonsistu fi profitti jew *income* li jinqalgħu f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor.

Artiklu 11

MGĦAX

1. Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u jitħallas lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun taxxabbli biss f'dak Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "mgħax" kif din tintuża f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull xorta, sew jekk ipotekati sew jekk le u sew jekk jagħti l-jedd għal sehem fil-profitti tad-debitur sew jekk le, u b'mod partikolari, *income* minn titoli tal-gvern u *income* minn *bonds* jew *debentures*, inklużi *premiums* u premjijiet marbutin ma' titoli, *bonds* jew *debentures* simili.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqala' l-imgħax, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak Istat Kontraenti l-ieħor minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u l-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas l-imgħax tkun effettivament konnessa ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'każ bħal dak għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

4. L-imgħax għandu jitqies li joriġina fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun dak l-Istat Kontraenti nnifsu, sottodiviżjoni politika tiegħu, awtorità lokali jew residenti ta' dak l-Istat Kontraenti. Meta, madankollu, l-persuna li tkun qed tħallas l-imgħax, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, jkollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi fissa li f'konnessjoni magħhom kien sar id-dejn li fuqu jitħallas l-imgħax, u dak l-imgħax jiġġarrab minn dak l-istabbiliment jew bażi

fissa, għaldaqstant dak l-imgħax għandu jitqies li joriġina fl-Istat Kontraenti fejn ikunu jinsabu l-istabbiliment permanenti jew il-bażi fissa.

5. Meta, minħabba f'relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejn it-tnejn li huma u xi persuna oħra, l-ammont ta' l-imgħax, wara li titqies xi tkun il-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'każ bħal dak, il-parti żejda tal-ħlasijiet tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, fil-qies tad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artiklu 12

ROYALTIES

1. *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati biss f'dak Istat Kontraenti l-ieħor.

2. Madankollu, dawk ir-*royalties* jistgħu wkoll jiġu intaxxati fl-Istat Kontraenti fejn joriġinaw u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat Kontraenti, iżda jekk ir-residenti jkun is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, it-taxxa hekk imħallsa m'għandhiex teċċedi għaxra fil-mija (10%) ta' l-ammont gross ta' dawk ir-*royalties*.

3. Il-frażi "*royalties*" kif din tintuża f'dan l-Artiklu tfisser ħlasijiet ta' kull xorta li jsiru b'korrispettiv għall-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu, ta' kull dritt ta' l-awtur ta' xogħlijiet litterarji, artistiċi jew xjentifiċi (inklużi films ċinematografiċi, films jew *tapes* għax-xandir bit-televiżjoni jew bir-radju), kull privattiva, *trade mark*, disinn jew mudell, pjan, formula jew proċess sigrieti.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih ir-*royalties* jinqalgħu, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew ikun jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak Istat Kontraenti l-ieħor minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallsu r-*royalties* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew l-Artiklu 14, skond il-każ.

5. Ir-*royalties* jitqiesu li joriġinaw fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun dak l-Istat Kontraenti innifsu, sottodiviżjoni politika tiegħu, awtorità lokali jew residenti ta' dak l-Istat Kontraenti. Meta, madankollu, l-persuna li tkun qed tħallas ir-*royalties*, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, jkollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi fissa li f'konnessjoni magħhom kienet saret l-obbligazzjoni li fuqu jitħallsu r-*royalties* u dawk ir-*royalties* jiġġarbu minn dak l-istabbiliment jew bażi fissa, għaldaqstant dawk ir-*royalties* għandhom jitqiesu li joriġinaw fl-Istat Kontraenti fejn ikunu jinsabu l-istabbiliment permanenti jew il-bażi fissa.

6. Meta, minħabba r-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejnithom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties*, fil-qies ta' x'ikun l-użu, id-dritt jew l-informazzjoni li jitħallsu għalihom, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlas għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artiklu 13

QLIGĦ KAPITALI

1. Qligħ li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli imsemmi fl-Artiklu 6 u ta' ishma f'kumpannija li jkollha l-attiv tagħha għalkollox jew fil-biċċa l-kbira jikkonsisti fi proprjetà immobbli, jista' jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn tkun tinsab dik il-proprjetà.

2. Qligħ mit-trasferiment ta' proprjeta mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà tan-negozju ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-iehor jew ta' proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għal bażi stabbilita disponibbli għal residenti ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-iehor bil-għan li jitwettqu servizzi personali indipendenti, inkluż dak il-qligħ mit-trasferiment ta' dak l-istabbiliment permanenti (waħdu jew flimkien ma' l-impriża kollha) jew ta' dik il-bażi stabbilita, jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor.

3. Qligħ li jinkiseb minn resident ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' bastimenti, inġenji ta' l-ajru jew vetturi tat-triq operati fi traffiku internazzjonali jew proprjetà mobbli li tappartjeni għall-operat ta' dawk il-bastimenti, inġenji ta' l-ajru jew vetturi tat-triq għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat Kontraenti.

4. Qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà li ma tkunx dik imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti li tiegħu ikun residenti min jittrasferixxi.

Artiklu 14

SERVIZZI PERSONALI INDIPENDENTI

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti għal servizzi professjonali jew attivitajiet oħra ta' xorta indipendenti għandu jkun intaxxat biss f'dak l-Istat. Madankollu, dak l-*income* jista' jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti l-ieħor f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jekk ikollu bażi stabbilita regolarment disponibbli għalih fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jwettaq l-attivitajiet tiegħu (f'liema każ hi biss dik il-parti mill-*income* tiegħu daqskemm tkun attribwibbli lil dik il-bażi stabbilita li tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor); jew

(b) jekk il-qagħda tiegħu fl-Istat Kontraenti l-ieħor tkun għal perjodu jew għal perjodi li fit-total ikunu jaqbżu l-183 ġurnata matul xi sena kalendarja; jew

(ċ) jekk ir-rimunerazzjoni għas-servizzi tiegħu fl-Istat Kontraenti l-ieħor tinkiseb minn residenti ta' dak l-Istat u tkun teċċedi tletin elf dollaru ta' l-Istati Uniti jew l-ekwivalenti tagħhom matul is-sena kalendarja, minkejja li l-qagħda tiegħu f'dak l-Istat tkun għal perjodu jew perjodi li b'kollox jammontaw għal inqas minn 183 ġurnata matul dik is-sena.

2. Il-frażi "servizzi professjonali" tinkludi attivitajiet xjentifiċi, letterarji, artistiċi, edukattivi jew ta' tagħlim li huma speċjalment indipendenti kif ukoll l-attivitajiet indipendenti ta' tobba, avukati, inġiniera, periti, dentisti u *accountants*.

Artiklu 15

SERVIZZI PERSONALI DIPENDENTI

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikli 16, 18, 19, 20 u 21, is-salarji, il-pagi u kumpens ieħor bħal dak li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat Kontraenti kemm-il darba l-impjieg ma jiġix eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impjieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi intaxxat f'dak Istat Kontraenti l-ieħor.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-kumpens li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar impjieg eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk:

(a) min jirċevih ikun preżenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal perjodu jew perjodi li ma jeċċedux it-total ta' 183 ġurnata fis-sena kalendarja involuta, u

(b) il-kumpens jitħallas minn, jew f'isem, prinċipal li ma jkunx residenti ta' dak l-Istat Kontraenti l-ieħor, u

(ċ) il-kumpens ma jkunx piż fuq l-istabbiliment permanenti, jew bażi stabbilit li l-prinċipal ikollu fl-Istat Kontraenti l-ieħor.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet preċedenti ta' dan l-Artiklu, il-kumpens li jinkiseb dwar impjieg eżerċitat abbord bastiment, inġenji ta' l-ajru jew vettura tat-triq operati fi traffiku internazzjonali minn impriża ta' Stat Kontraenti jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat Kontraenti.

4. Il-persunal li jaħdem fuq l-art u li jkun residenti fi Stat Kontraenti maħtur mill-uffiċċju prinċipali tat-trasportatur nazzjonali bl-ajru ta' dak l-Istat Kontraenti lejn l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun eżenti mit-taxxi imposti fuq il-kumpens li jirċievu fl-Istat Kontraenti l-ieħor.

Artiklu 16

DRITTIJIET TAD-DIRETTURI

Id-drittijiet tad-diretturi u ħlasijiet simili oħra li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti fil-kapaċità tiegħu ta' membru tal-bord ta' diretturi jew ta' xi organu ieħor bħal dak ta' kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati biss fl-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi.

Artiklu 17

ARTISTI U ATLETI

1. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikli 14 u 15, *income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti bħala uħud li jagħtu spettaklu, bħal artisti tat-teatru, tal-films ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, jew bħala mużiċista, jew bħala atleta, mill-attivitajiet personali tiegħu bħala tali li jiġu eżerċitati fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor.

2. Meta *income* dwar attivitajiet personali eżerċitati minn min jagħti spettaklu jew atleta fil-kapaċità tiegħu bħala tali jinqala' mhux minn min jagħti spettaklu jew l-atleta nnifsu iżda minn xi persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikli 7, 14 u 15, jiġi intaxxat fl-Istat Stat Kontraenti li fih l-attivitajiet ta' min jagħti spettaklu jew ta' l-atleta jiġu eżerċitati.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal kumpens jew profitti, salarji, pagi u *income* bħal dawn li jinkisbu minn min jagħti spettaklu jew atleti li jkunu residenti ta' Stat Kontraenti minn attivitajiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk iż-żjara tagħhom f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor tkun sostanzjalment appoġġata mill-flejjes pubbliċi ta' l-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi, inklużi dawk ta' xi sottodiviżjoni politika, awtorità lokali jew korp statutorju tiegħu.

Artiklu 18

PENSJONIJIET U ANNWALITAJIET

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 19, pensjonijiet u ħlas ieħor simili u annwalitajiet li jitħallsu lil residenti ta' Stat Kontraenti minħabba f'xi impieg imgħoddi għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat Kontraenti.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' paragrafu 1, pensjonijiet u ħlas ieħor li jingħataw taħt il-leġislazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom ikun intaxxati biss fl-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi.

3. Kif tintuża f'dan l-Artiklu:

(a) il-frażi "pensjonijiet u ħlas ieħor" tfisser ħlasijiet perjodiċi li jingħataw, wara li persuna tirtira, għal impieg imgħoddi jew bħala kumpens għal ħsara fil-persuna mġarrba f'konnessjoni ma' impieg imgħoddi;

(b) il-frażi "annwalità" tfisser ammont fiss li jitħallas perjodikament fi żminijiet fissi, matul il-ħajja jew matul perjodu ta' żmien speċifikat jew aċċertabbli, taħt obbligazzjoni li l-ħlasijiet isiru għal korrispettiv adegwat u sħiħ fi flus jew valur ta' flus.

Artiklu 19

SERVIZZ TAL-GVERN

1. (a) Kull kumpens, li ma jkunx pensjoni, imħallas minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew minn awtorità lokali tiegħu lil individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtijin lil dak l-Istat Kontraenti jew sottodiviżjoni jew awtorità għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat Kontraenti.

(b) Madankollu, dak il-kumpens għandu jkunu taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-Istat Kontraenti u l-individwu jkun residenti f'dak l-Istat Kontraenti li:

(i) huwa jkun ċittadin ta' dak l-Istat Kontraenti; jew

(ii) ma jkunx sar residenti ta' dak l-Istat Kontraenti unikament sabiex jaqdi dawk is-servizzi.

2. (a) Kull pensjoni li titħallas minn, jew mill-fondi li jkunu oriġinati minn, Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew minn awtorità lokali tiegħu lil individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtijin lil dak l-Istat Kontraenti jew sottodiviżjoni jew awtorità għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat Kontraenti.

(b) Madankollu, dik il-pensjoni għandha tkun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk l-individwu jkun residenti, u ċittadin, ta' dak l-Istat Kontraenti.

3. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikli 15, 16 u 18 għandhom japplikaw għal kull kumpens u pensjoni għar-rigward ta' servizzi mogħtijin f'dak li għandu x'jaqsam ma' negozju li jkun ġestit minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew minn awtorità lokali tiegħu.

4. Meta l-kumpens jitħallas taħt programm ta' għajnuna għall-iżvilupp ta' Stat Kontraenti, minn fondi esklużivament provduti minn dak l-Istat Kontraenti lil xi speċjalista jew voluntier issekkondat ma' l-Istat Kontraenti l-ieħor bil-kunsens ta' dak l-Istat Kontraenti l-ieħor, dak il-kumpens għandu jitqies li jkun tħallas mill-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi u għandu jkun taxxabbli biss f'dak l-Istat Kontraenti.

Artiklu 20

GĦALLIEMA U RIĊERKATURI

1. Kull kumpens li professur jew għalliem li jkun jew kien minnufih qabel ma jżur Stat Kontraenti residenti ta' l-istat Kontraenti l-ieħor u li jkun preżenti fl-Istat l-ewwel imsemmi għal perjodu ta' mhux iktar minn sentejn bil-għan li jagħmel studji jew riċerka avvanzati jew biex jgħallem f'xi università, kulleġġ, skola jew istituzzjoni edukattiva oħra, li jiġi riċevut għal dak ix-xogħol ma għandux jiġi intaxxat f'dak l-Istat, sakemm dak il-kumpens jinkiseb minnu minn barra dak l-Istat.

2. Dan l-Artiklu ma għandux japplika għal *income* minn riċerka jekk dik ir-riċerka primarjament issir għall-benefiċċju privat ta' xi persuna jew persuni speċifiċi.

Artiklu 21

STUDENTI U APPRENDISTI

1. Kull ħlas li student jew apprendist fil-kummerċ li jkun jew kien minnufih qabel ma jżur Stat Kontraenti residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor u li jkun preżenti fl-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi unikament bil-għan ta' l-edukazzjoni jew it-taħriġ tiegħu, jirċievi għall-fini tal-manteniment, l-edukazzjoni jew it-taħriġ tiegħu għandu jkun eżenti mit-taxxa fl-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi, sakemm dawk il-ħlasijiet joriġinaw minn għejjun li ma jkunux f'dak l-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi.

2. Għar-rigward ta' għotjiet, *scholarships* u kumpens minn impjieg mhux kopert bil-paragrafu 1, student jew apprendist kummerċjali deskritt fil-paragrafu 1 għandu b'żjieda jkollu jedd, waqt li jkun qed jirċievi dik l-edukazzjoni jew jagħmel dak it-taħriġ, għall-istess eżenzjonijiet, ħelsien jew riduzzjonijiet li japplikaw għal taxxi li jkunu disponibbli għal residenti ta' l-Istat Kontraenti li jkun qed iżur. Dan il-paragrafu għandu jkun japplika biss jekk l-istudent jew apprendist kummerċjali joqgħod għal iktar minn sitt xhur f'dak l-Istat Kontraenti.

Artiklu 22

INCOME IEĦOR

Elementi ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti, jinqalgħu minn fejn jinqalgħu, li ma jkunux ittrattati fl-Artikli ta' hawn aktar qabel ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

Artiklu 23

ELIMINAZZJONI TA' TASSAZZJONI DOPPJA

1. Il-liġijiet li jkunu fis-seħħ f'xi wieħed mill-Istati Kontraenti għandhom jibqgħu jirregolaw it-tassazzjoni fl-Istat Kontraenti rispettiv ħlief meta jkun hemm disposizzjonijiet li jkunu jipprovdu l-kuntrarju f'dan il-Ftehim.

2. It-tassazzjoni doppja għandha tkun evitata skond dawn is-subparagrafi li ġejjin:

(a) Fil-każ tal-Kuwajt:

Jekk residenti tal-Kuwajt jikseb *income* li skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ikun taxxabbli f'Malta, il-Kuwajt jista' jintaxxa dan l-*income* u jista' jagħti ħelsien għat-taxxi ta' Malta mġarrba skond id-disposizzjonijiet tal-liġi domestika relattiva.

F'dak il-każ, il-Kuwajt għandu jnaqqas mit-taxxi hekk ikkalkulati t-taxxa mħallsa f'Malta imma f'ammont li ma jkunx jeċċedi dak il-proporzjon tat-taxxa tal-Kuwajt hawn qabel imsemmija li dak l-*income* ikollu għar-rigward ta' l-*income* kollu kemm hu.

(b) Fil-każ ta' Malta:

(i) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-liġi ta' Malta dwar l-għoti ta' kreditu kontra t-taxxa ta' Malta dwar it-taxxa barranija, meta, skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ikun hemm inkluż fi stima ta' Malta *income* minn għejjun ġewwa l-Kuwajt, it-taxxa tal-Kuwajt fuq dak l-*income* għandu jkun permess bħala kreditu kontra t-taxxa ta' Malta relattiva li titħallas fuqha.

(ii) Għall-finijiet ta' (i) ta' dan is-subparagrafu, it-taxxa tal-Kuwajt żakat imsemmija fil-paragrafu 3 ta' l-Artiklu 2 għandha tkun meqjusa bħala taxxa fuq l-*income*.

3. Meta skond il-liġijiet ta' Stat Kontraenti, it-taxxi koperti b'dan il-Ftehim ikunu eżenti jew imnaqqsa skond il-miżuri ta' inċentiva għall-investiment speċjali għal perjodu limitat ta' żmien, dawk it-taxxi li jkunu ġew eżentati jew imnaqqsa għandhom jitqiesu li jkunu tħallsu għall-finijiet tal-paragrafi ta' qabel ta' dan l-Artiklu.

Artiklu 24

EBDA DISKRIMINAZZJONI

1. Iċ-ċittadini ta' Stat Kontraenti ma għandhomx jiġu soġġetti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal xi tassazzjoni jew għal xi ħtieġa li jkunu konnessi ma' dan, li tkun diversa jew ta' iktar piż mit-tassazzjoni u ħtigiet konnessi li għalihom iċittadini ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi huma jew jistgħu jkunu soġġetti.

2. L-intaxxar fuq stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor ma għandux jinġabar inqas favorevolment f'dak Istat Kontraenti l-ieħor mit-tassazzjoni miġbura fuq impriżi ta' dak l-Istat Kontraenti l-ieħor li jkun qiegħed iwettaq l-istess ativitajiet fl-istess ċirkostanzi.

3. Ħlief meta d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' l-artiklu 9, paragrafu 5 ta' l-artiklu 11, jew paragrafu 6 ta' l-Artiklu 12 japplikaw, mgħax, *royalties* u ħlasijiet oħra li jitħallsu minn impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom, għall-għan li jiġu stabbilit x'inhuma l-profitti taxxabbli ta' dik l-impriża, jiġu mnaqqsa taħt l-istess kondizzjonijiet bħallikieku kienu mħallsa lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi.

4. Ebda ħaġa li tinsab f'dan l-Artikolu ma għandha tiftiehem bħala li tobbliga Stat Kontraenti li jagħti lil persuni li ma jkunux residenti f'dak l-Istat Kontraenti xi għotjiet personali, ħelsien, riduzzjonijiet u tnaqqis għal finijiet ta' tassazzjoni li jkunu skond il-liġi disponibbli biss għal persuni li jkunu hekk residenti.

5. Ebda ħaġa f'dan l-Artiklu ma għandha tolqot id-dritt ta' Stat Kontraenti li jagħti eżenzjoni jew tnaqqis fit-tassazzjoni liċ-ċittadini tiegħu li jkunu residenti ta' dak l-Istat Kontraenti. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għas-sehem fil-kapital ta' kumpanniji li jkun jappartjeni lir-residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor.

6. Ebda ħaġa f'dan l-Artiklu ma għandha tiġi mfissra bħala li timponi xi obbligazzjoni legali fuq xi wieħed mill-Istati Kontraenti biex dan jestendi għar-residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor il-benefiċċju ta' xi trattament, preferenza jew privileġġ li jistgħu jingħataw lil xi Stat Kontraenti ieħor jew lir-residenti tiegħu bis-saħħa tal-formazzjoni ta' unjoni doganali, unjoni ekonomika, żona ta' kummerċ ħieles jew xi ftehim reġjonali jew subreġjonali li jkun għalkollox jew prinċipalment jirrigwarda t-tassazzjoni jew il-moviment ta' kapital li għalih dak l-Istat Kontraenti jista' jkun parti.

7. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom, minkejja d-disposizzjonijiet ta' Artiklu 2, japplikaw għal taxxi ta' kull għamla u deskrizzjoni.

Artiklu 25

PROĊEDURA GĦAL FTEHIM REĊIPROKU

1. Meta persuna jidhrilha li l-azzjonijiet ta' xi wieħed jew taż-żewġ Stati Kontraenti jirriżultawlu jew jistgħu jirriżultawlu f'tassazzjoni li ma tkunx skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, huwa jista', irrispettivament mir-rimedji pprovduti mil-liġi domestika ta' dawk l-Istati Kontraenti, jippreżenta l-każ tiegħu quddiem l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu huwa jkun residenti jew, jekk il-każ tiegħu jkun jaqa' taħt il-paragrafu 1 ta' l-Artiklu 24, lil dik ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu huwa jkun ċittadin. Il-każ għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin mill-ewwel avviż ta' l-azzjoni li tirriżulta f'intaxxar li ma jkunx skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

2. L-awtorità kompetenti għandha tistħarreġ, jekk ikun jidhrilha li l-oġġezzjoni tkun ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, li tirrisolvi l-każ bi ftehim reċiproku ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li tiġi evitata tassazzjoni li ma tkunx skond dan il-Ftehim. Meta jintlaħaq ftehim dan għandu jiġi implimentat minkejja kull terminu ta' żmien fil-liġi domestika ta' l- Stati Kontraenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jistħarrġu kif jirrisolvu permezz ta' ftehim reċiproku kull diffikultà jew dubbju li jista' jitnissel dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Dawn jistgħu wkoll jikkonsultaw flimkien għall-eliminazzjoni ta' tassazzjoni doppja f'dawk il-każijiet li m'hemm xejn provdut dwarhom f'dan il-Ftehim.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin direttament bil-għan li jilħqu ftehim skond ma hemm fil-paragrafi preċedenti.

Artiklu 26

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tistra' tkun meħtieġa għat-twettiq tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew ta' l-liġijiet domestiċi ta' l-Istati Kontraenti għar-rigward ta' taxxi koperti bil-Ftehim sakemm l-intaxxar li jsir taħtom ma jkun kuntrarju għall-Ftehim. L-iskambju ta' informazzjoni mhuwiex ristrett bl-artiklu 1. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta mill-Istat Kontraenti għandha tiġi ttrattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħall-informazzjoni miksuba taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) involuti fl-istima jew fil-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, jew id-deċizjoni ta' appelli dwar, it-taxxi koperti bil-Ftehim. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuħ jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji.

2. F'ebda każ ma għandhom id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

(a) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet u mal-prattika amministrattiva ta' dak jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali ta' l-amministrazzjoni ta' dak jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ċ) li jagħti informazzjoni li tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess tal-kummerċ, jew informazzjoni, li meta tiġi żvelata din tkun tmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

Artiklu 27

MEMBRI TA' MISSJONIJIET DIPLOMATIĊI U KARIGI KONSULARI

Ebda ħaġa f'dan il-Ftehim ma għandha tolqot il-privileġġi fiskali ta' membri ta' missjoni diplomatika, kariga konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali taħt ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew taħt id-disposizzjonijiet ta' kull ftehim speċjali.

Artiklu 28

MIXXELLANJI

1. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma għandhomx jiftehmu hekk li jirrestrinġu b'xi mod xi esklużjoni, eżenzjoni, tnaqqis, kreditu, jew għotja oħra li tkun issa mogħtija jew wara:

(a) bil-liġijiet ta' Stat Kontraenti sabiex tiġi stabbilita t-taxxa imposta minn dak l-Istat, jew

(b) b'xi ftehim jew patt ieħor li jidħol fih Stat Kontraenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Kontraenti jista' jippreskrivi regolamenti bil-għan li jwettaq id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Artiklu 29

BIDU FIS-SEĦĦ

1. Kull wieħed mill-Istati Kontraenti għandu javża lill-ieħor li jkunu tħarsu l-ħtiġiet kostituzzjonali tiegħu għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Dan il-Ftehim għandu jibda jseħħ fit-tletin jum wara d-data li tiġi l-iktar tard mill-għoti ta' l-aħħar mill-avviżi msemmija fil-paragrafu 1 u l-provvedimenti tiegħu għandu jkollhom seħħ fiż-żewġ Stati Kontraenti:

(a) għar-rigward ta' taxxa li tinżamm minn ras-il għajn, għal ammonti mħallsa jew akkreditati fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena li fiha jiġi ffirmat dan il-Ftehim; u

(b) għar-rigward ta' taxxi oħra, għall-perjodi taxxabbli li jibdew fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena li fiha jiġi ffirmat dan il-Ftehim.

Artiklu 30

TUL TA' ŻMIEN U TERMINAZZJONI

Dan il-Ftehim għandu jibqa' jseħħ għal perjodu ta' ħames snin u għandu jkompli wara dan għal perjodu jew perjodi bħal dawn kemm-il darba, sitt xhur qabel l-iskadenza tal-perjodu tal-bidu jew xi perjodu sussegwenti, xi wieħed mill-Istati Kontraenti ma javżax lill-Istat l-ieħor bil-miktub, li jkollu l-ħsieb li jtemm dan il-Ftehim. F'dak il-każ, il-Ftehim għandu jtemm milli jibqa' jseħħ fiż-żewġ Stati Kontraenti:

a) għar-rigward ta' taxxi li jinżammu minn ras il-għajn, dwar ammonti mħallsa jew akkreditati fl-ewwel jum ta' Jannar, jew wara dik id-data, tas-sena kalendarja li tiġi minnufih wara s-sena li fiha jingħata l-avviż;

(b) għar-rigward ta' taxxi oħra, għal perjodi taxxabbli li jibdew fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufih wara s-sena li fiha jingħata l-avviż.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL f'Rijadh fir-Renju ta' l-Arabja Sawdita, illum l-14 ta' Jamad Al-Awwal 1423 A.H, li jikkorrispondi għal-lum 24 ta' Lulju, 2002, fi tliet oriġinali, fl-ilsien Għarbi, fl-ilsien Malti u fl-ilsien Ingliż, u f'każ ta' diffikultà ta' interpretazzjoni, tipprevali l-verżjoni bl-ilsien Ingliż.

Għall-Gvern ta' Malta
E.T. Duttur Saviour P. Gauci
Ambaxxatur ta' Malta

Għall-Gvern ta' l-Istat tal-Kuwajt
E.T. Jaber D.
Al-Ibrahim Al-Sabah
Ambaxxatur ta' l-Istat tal-Kuwajt

PROTOKOLL

Il-Gvern ta' Malta u l-Gvern ta' l-Istat tal-Kuwajt meta f'Rijadh, fir-Renju ta' l-Arabja Sawdita, illum l-erbatax-il jum ta' Jamad Al-Awwal 1423 A.H, li tikkorrispondi għal-lum 24 ta' Lulju, 2002, iffirmaw il-Ftehim dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja u l-Prevenzjoni ta' Evażjoni Fiskali dwar Taxxi fuq l-*Income*, qablu fuq dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin li għandhom jifformaw parti integrali mill-Ftehim imsemmi:

Dwar l-Artiklu 7:

(a) Dwar paragrafu 1 ta' dan l-Artiklu, ħlasijiet ta' kull xorta riċevuti bħala korrispettiv għall-użu, jew id-dritt ta' użu, ta' tagħmir industrijali, kummerċjali jew xjentifiku, jew għal informazzjoni dwar esperjenza industrijali, kummerċjali jew xjentifika inkluża l-konsulenza, u esperjenza ta' għajnuna teknika, għandhom jitqiesu li jkunu profitti ta' impriża li għaliha japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 7.

(b) Il-frażi "l-ispejjeż li jsiru għall-għanijiet ta' l-istabbiliment permanenti" msemmija f'paragrafu 3 ta' dan Artiklu tfisser l-ispejjeż kollha li attwalment isiru sew fl-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab l-istabbiliment permanenti sew band'oħra, raġonevolment allokabbli għal dak l-istabbiliment permanenti, u li jkunu għamlu kontribut għall-qligħ ta' profitti.

Dwar l-Artiklu 10:

Dwar sub-paragrafu (b) tal-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 10, qiegħed jinftiehem li t-taxxa ta' Malta ma għandhiex teċċedi għaxra fil-mija (10%) jew ħmistax fil-mija (15%), skond il-każ, ta' dak is-sehem ta' profitti ta' qabel it-taxxa ta' kumpannija residenti f'Malta li huma attribwibbli għal xi azzjonist li jkun residenti fil-Kuwajt. Effettivament, ir-rata ta' taxxa ta' 10% jew 15% għandha tkun applikata għall-profitti relevanti tal-kumpannija. Dividendi li jitħallsu minn dawk il-profitti ma għandhomx iġarrbu iktar taxxa ta' Malta (inkluża kull taxxa imposta fuq dividendi).

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL f'Rijadh fir-Renju ta' l-Arabja Sawdita, illum l-14 ta' Jamad Al-Awwal 1423 A.H, li jikkorrispondi għal-lum 24 ta' Lulju, 2002, fi tliet oriġinali, fl-ilsien Għarbi, fl-ilsien Malti u fl-ilsien Ingliż, u f'każ ta' diffikultà ta' interpretazzjoni, tipprevali l-verżjoni bl-ilsien Ingliż.

Għall-Gvern ta' Malta
E.T. Duttur Saviour P. Gauci
Ambaxxatur ta' Malta

Għall-Gvern ta' l-Istat tal-Kuwajt
E.T. Jaber D.
Al-Ibrahim Al-Sabah
Ambaxxatur ta' l-Istat tal-Kuwajt